**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 19/2018**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Juanito Jimenez**

**<u>Illum 13 ta' Frar, 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Juanito Jimenez** detenur tal-karta tal-identita Maltija **242693M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl tas-26 ta' Awwissu 2018 f'xi hin bejn 8.00p.m. u 10.00p.m. minn gewwa residenza bl-isem ta' 'St. Joseph', Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' flus kontanti li valur taghhom jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghaddannu ta' Carmel Bigeni u l-familja tieghu, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u bil-persuna;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Carmel Bigeni u l-familja tieghu, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrenda ruħu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Lulju,2021, fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet (3) imputazzjoni li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, u ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet (3) imputazzjoni u minnha lliberatu, sabet lill-esponenti hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu ghal erba' (4) snin prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 ikkundannat lill-appellant ihallas nofs l-ispejjez peritali li jammontaw ghal elfejn mija u wiehed u sittin ewro u erbgha u sittin centezmu (€2,161.64) u b'hekk ghandu jhallas l-ammont ta' elf u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,080.82) fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza appellata.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-appellant jhallas lura fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata lil Carmel Bigeni nofs l-ammont ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) u ghalhekk l-ammont ta sitt mija u hamsin euro (€650).

Finalment il-Qorti wara li rat artikolu 23 tal-Kap 9 iddikjarat illi ma setghetx tordna li l-vettura Mercedes li kienet fil-pussess tal-appellant fil-gurnata tas-serqa, tigi konfiskata u tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan ghaliex ma jirrizultawx provi li l-vettura kienet tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Juanito Jimenez preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tikkonfermaha in kwantu fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma sabetx lill-appellant hati;

2. Tikkonfermaha in kwantu ma ordnatx il-konfiska tal-vettura Mercedes li kienet fil-pussess tal-appellant fil-gurnata tas-serqa

3. Tvarjaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tiddikjarah mhux hati;

4. Fl-eventwalita' li t-talba numru (3) tigi michuda u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija taht l-ewwel imputazzjoni, li tikkonfermaha in kwantu ma sabetx lill-appellant hati ta' serq aggravat bil-persuna;

5. Fl-eventwalita' li t-talba numru (3) tigi michuda u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija taht l-ewwel, it-tieni u/jew ir-raba' imputazzjoni, li tvarja l-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

**<u>Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;</u>**

## A. Dwar in-*nexus criminis* bejn l-agir tal-imputat u s-serqa mertu ta' dawn il-proceduri

### A.1 Generali

Illi permezz tas-sentenza appellata, l-esponenti inter alia instab hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok kif ukoll li volontarjament ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta' Carmel Bigeni.

Illi sabiex l-esponenti setgha jinstab hati ta' dawn id-delitti hekk kif dedotti kontra tieghu, il-prosekuzzjoni kella d-dover u l-obbligu legali li tipproduci provi u evidenza li ma jhallu lok ghall-ebda dubju dettat mir-raguni. In fatti l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova, sal-grad rikjest fil-kamp penali, li tezisti prova cara u inekwivokabbli li turi:

(a) In-*nexus criminis* bejn l-appellant u s-serq;
(b) In-nexus criminis bejn l-appellant u l-affarijiet misruqa,
(c) Il-konnessjoni bejn l-appellant u l-hsara li saret fuq il-bieb tal-propjeta' ta' Carmel Bigeni u l-familja tieghu

Fl-umli fehma tal-esponenti, in atti ma hemm l-ebda prova li tikkorrabora t-tezi tal-Prosekuzzjoni b'tali mod u manjiera li wiehed setgha b'xi mod jew iehor jghid li l-kaz gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli u konsegwentament kif sejjer jigi amplifikat permezz ta' dan l-umli appell, l-esponenti ma setgha qatt jinstab hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

## A.2 Dwar il-Kuncett ta' Indizzji Cirkostanzjali

Illi stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci xhieda okulari ta' dan is-serq u/jew provi diretti ohra, minn qari akkurat tal-sentenza appellata jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha fuq diversi indizzji cirkustanzjali u effettivament l-ewwel Onorabbli Qorti sejset il-gudizzju tagha fuq tali *'circumstantial evidence.'*

Fil-fatt kif jirrizulta minn qari akkurat tas-sentenza appellata, jirrizulta illi l-ewwel Onorabbli Qorti sejset is-sejbien tal-htija is-segwenti indizzji:

1. Fuq ix-Xhieda tal-parti leza Carmel Bigeni.
2. Fuq ix-xhieda tax-xhud Roderick Vella.
3. Fuq il-flus misjuba fuq il-persuna tal-esponenti;
4. Fuq il-filmati u l-istills mahruga mic-CCTVs; u
5. Fuq il-Localisation Data

Huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu diretti kif ukoll indizjali. Madanakollu meta dawn ikunu provi indizzjali, ikun jehtieg li dawn ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u li jkunu sufficjenti ghall-konvinciment morali li ma jhallu l-ebda lok ghal xi dubju ragonevoli.[1]

Tenut kont tas-su espost, referenza qieghda ssir ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar il-15 ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et, fejn dwar l-identifikazzjoni ta' min iwettaq reat il-Qorti supra-riferita rriteniet is-segwenti:

> 'Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-

[1] Il-Pulizija vs Carmelo Calleja ta' nhar is-7 ta' Mejju, 2010 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef M. Mallia

reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghall-konkluzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompattibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova."

Fil- kaz 'Il-Pulizija vs Michael Mifsud'[2], il-Qorti, dwar il-kuncett ta' 'circumstantial evidence' iccitat lil Blackstone:

> "Pullock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several ends said: One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite sufficient strength."[3]

Di piu', f'diversi sentenzi ohra,[4] il-Qrati taghna kkwotaw lill-gurista Ingliz Pollock C.B[5] fejn jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha bis-segwenti mod:

> "It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."

[2] Deciza nhat it-23 ta' Marzu mill- Qorti tal- Magistrati per Onor. Mag. M. Hayman

[3] Blackstone Criminal Procedure 2008, pg. 2280, folio 16

[4] Vide passim. Il-Pulizija vs Dylan Agius, Deciza nhar it-8 ta' Lulju, 2016 mill-Qorti tal- Magistrati per Onor. Mag. N. Galea Sciberras

[5] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).

### A.3 Dwar id-Deposizzjoni tal-parti leza Bigeni

Mis-sentenza appellata jemergi car kristallin illi l-ewwel Onorabbli Qorti qieset id-deposizzjoni ta' Bigeni bhala vangelu minghajr ma gharblet din ix-xhieda skond dak illi jipprovdi l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Sabiex wiehed jikkunsidra l-veracita', il-konsistenza u kredibbilita' ta' dak illi stqarr Carmel Bigeni, kien jinkombi fuq l-ewwel Onorabbli Qorti illi ma tqiesx **biss** il-verzjoni illi ghogbu jaghti Bigeni fuq il-pedana tax-xhieda izda kien jinkombi fuq l-istess Qorti illi thares lejn tali verzjoni fid-dawl tad-diversi stanzi illi Bigeni ha il-pedana tax-xhieda. Madanakollu dan l-ezercizzju zgur baqa' qatt ma sar ghaliex kieku sar, kieku kien iddokumentat fis-sentenza appellata.

Ghandu jigi mfakkar illi x-xhud Carmel Bigeni ma ddeponiex biss quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti izda kif jirrizulta mill-process verbal, is-Sur Bigeni u l-mara tieghu xehdu wkoll quddiem l-espert tal-Qorti Dr Daniel Calleja matul l-inkjesta dwar l-'*in genere*'.

In oltre, l-parti leza Bigeni rrilaxxa dikjarazzjoni meta gie mitlub illi jaghmel dan mill-pulizija illi rrikorrew sabiex jinvestigaw ir-rapport illi kien ghadu kif ghamel, liema verzjoni tinsab ppreservata fil-PIRS report, liema rapport jinsab ezebit a fol. 21 et. seq tal-atti processwali.

Is-Sur Bigeni, lill-pulizija *a tempo vergine*, rrapurtalhom illi mir-residenza tieghu kienu nsterqu madwar €7,000 kif ukoll diversi oggetti tal-gojjelerija. Madanakollu Bigeni, b'kuntrarju assolut ma' dak illi ddepona quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, naqas milli jsemmi illi s-suspett tieghu kien fuq vettura tal-ghamla Mercedes illi kienet qieghda ssegwih matul it-triq.[6]

[6] A fol. 24 u 25 tal-Atti Processwali

Sussegwentament Bigeni xehed l-ghada quddiem l-espert Dr Daniel Calleja. F'dan l-istadju xehdu wkoll kemm mart Carmel Bigeni kif ukoll it-tifla tieghu. Mary Grace Bigeni xehdet illi "Il-Pulizija kont tlabtu jara d-deheb u l-fidda haduhx. Huwa fittex sab li d-deheb u l-fidda ma kienux missewh."[7] In oltre Mary Grace Bigeni xehdet illi **"l-uniku suspett li ghandi huwa fis-sewwieq tal-vettura XII-001 ghar-raguni illi kien qieghed jagixxi b'mod stramb u baqa' isuq warajna sakemm ipparkjajna u tant kemm rajtu stramb dak il-hin li bqajt niftakar in-number plate tal-karozza"**[8]

Is-Sur Carmel Bigeni xehed illi "**hekk kif ghaddejt minn hdejn dik il-vettura li kienet vettura bajda rajt in-number plate li kien XII-001**"[9] Is-Sur Bigeni jixhed ukoll illi "il-laned tal-fidda u tad-deheb instabu hemmhekk u ma ttiehdux"[10]

Minkejja illi kemm is-Sur Bigeni u martu ddeponew u kkonfermaw bil-gurament illi huma kienu nfurmaw lill-pulizija illi deheb ma kienx insteraq, PS715 Lucian Gatt fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar il-11 ta' Ottubru, 2018 xejjen dak kollu illi kienu sostnew il-konjugi Bigeni. PS715 xehed illi:

> "X'hin kont mort fuq il-post, is-Sur Carmel Bigeni kien qalli illi ttiehdu xi flus u xi deheb"[11]

Dubju iehor illi jemergi mid-diversi deposizzjonijiet illi rrilaxxa Carmel Bigeni huwa dwar il-valur tar-res furtiva. Fil-fatt, fil-waqt li fl-istadju preliminari tal-invetigazzjoni, Bigeni xehed illi kienu nsterqulu diversi dehbijiet u flus illi kienu jammontaw ghal circa sebat elef euro, fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Ottubru, 2018, l-ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-ammont misruq kien ta' elf u

[7] A fol. 353 tal-Atti Processwali
[8] Fol. 355 tal-Atti Processwali
[9] Fol. 357 tal-Atti Processwali
[10] Fol. 360 tal-Atti Processwali
[11] Fol. 170 tal-Atti Processwali

tlett mitt ewro (€1300)[12] u mhux kif kien effettivament xehed Carmel Bigeni fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Settembru, 2018.

Dan wahdu juri kif l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tistrieh u ssejjes is-sejbien tal-htija fuq ix-xhieda ta' Carmel Bigeni stante li tali xhieda certament ma hiex wahda konsistenti.

Fid-dawl tas-su espost jehtieg li ssir referenza ghal dak illi xehed l-ufficjal Prosekutur kif ukoll ghal-PIRS Report. Minn dan tal-ahhar jirrizulta illi dak in-nhar illi l-appellant gie arrestat, huwa ma kienx qieghed jaghmel uzu mill-vettura suspettuza illi kienu qeghdin jaghmlu referenza ghaliha s-Sinjuri Bigeni, izda kien qieghed jaghmel uzu **minn vettura b'numru ta' registrazzjoni XII 707**!!

L-esponenti jistaqsi jekk kemm il-parti leza Carmel Bigeni kif ukoll il-parti leza Mary Grace Bigeni kkonfermaw mal-espert tal-Qorti illi l-karozza illi kienet suspettuza kellha numru ta' registrazzjoni XII-001, tali vettura x'konnessjoni ghandha mieghu?

Ghalfejn is-Sur Bigeni ghazel li ma jiftakarx x'kienu l-kumplament tan-numri tat-tarka tar-registrazzjoni tal-karozza suspettuza meta tela jixhed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti meta quddiem l-espert tal-Qorti la huwa u lanqas martu ma kellhom diffikulta illi jaghnlu dan?

Kemm huwa probabli li erba' ghajnejn jaraw numru ta' registrazzjoni ta' vettura imma jirrizulta illi effettivament kienu zbaljati?

X'inhi r-raguni ghala l-Prosekuzzjoni baqghet ma producietx rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jigi stabbilit x'tip ta' vettura hija l-vettura ta' registrazzjoni XII -001 u fuq min tali vettura hija rregistrata?

[12] Fol. 110 tal-Atti Processwali

Il-fatt li l-prosekuzzjoni tul dawn il-proceduri **qatt** ma talbet li jigi stabbilit x'konnessjoni tezisti bejn in-numru ta' registrazzjoni XII-001 u l-esponenti juri kif l-istess prosekuzzjoni aktarx hija mbezza' mir-rizultanzi tal-istess!! Dubbju dan li *ex lege* jmur favur l-esponenti u mhux kontrih!!

**A.4 Dwar ix-Xhieda ta' Roderick Vella**

Dan l-aggravju qieghed jitqajjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi "Roderick Vella ra lil zewg persuni hergin mid-dar tal-parte civile".

Roderick Vella xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Settembru, 2018.

Matul din id-deposizzjoni, Roderick Vella xehed illi wiehed mill-malviventi "kien bid-daqna u kellu poler shirt." Skond il-Prosekuzzjoni minn tali deskrizzjoni waslet ghall-persuna tal-imputat.

Allahares wasalna f'punt illi ghax xhud jistqarr illi wiehed mill-malviventi kellu d-daqna u persuna jkollha d-daqna mela allurra dik il-persuna l-malvivent. Il-gustizzja tirrekjedi hafna iktar minn hekk.

Dan kollu qieghed jinghad ghalhiex meta waqt l-istess seduta ix-xhud Vella intalab ihares madwaru u jara jekk jaghrafx lill-malviventi, ix-xhud ma kienx f'posizzjoni illi jaghmel dan.[13]

Ix-xhud Vella mhux talli ma jikkorraborax l-ipotezi tal-Prosekuzzjoni illi l-esponenti Jimenez kien wiehed mill-malviventi, talli ghad-dirittura jxejjen l-istess tezi.

[13] Fol. 49 u 52 tal-Atti Processwali

Di piu' il-Prosekuzzjoni qieghda tallega u effettivament tali ipotezi giet abbraccjata mill-ewwel Onorabbli Qorti, illi l-esponenti kien qieghed jaghmel uzu mill-vettura tal-ghamla Mercedes bajda waqt illi sehhet is-serqa mertu tal-proceduri odjerni, madanakollu Roderick Vella fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar l-4 ta' Settembru, 2018 xehed illi huwa ghalkemm ra l-malviventi hergin mid-dar ta' Bigeni madanakollu meta mistoqsi dwar l-allegat karozza illi kienu qeghdin jaghmlu uzu minnha l-malviventi, ix-xhud wiegeb:

> "Il-Qorti: Issa int ma rajthomx b'xi karroza dawn?
>
> Ix-Xhud: le hi ma rajtx karozzi jiena. Jiena rajthom mexjin fuq il-bankina.
>
> Il-Qorti: Orrajt. Le, jigifieri ma rajtx f'karozza jew hekk, xejn?
>
> Ix-Xhud: Le ma rajtx karozzi jien"[14]

L-esponenti jistaqsi:

1. Jekk skond il-Prosekuzzjoni l-esponenti kien qieghed fuq il-post b'Mercedes bajda meta seraq, mela kif l-*'istar witness'* tal-Prosekuzzjoni qed jghid illi huwa ra l-malviventi imma ma ra l-ebda vettura?
2. Jekk il-Prosekuzzjoni qed tallega illi wiehed mill-malviventi kien l-esponenti, mela kif ix-xhud ma kienx kapaci jgharrfu minn zewg metri 'l boghod minnu?

Dan ix-xhud huwa ezempju car kif il-Prosekuzzjoni kellha f'idejha zrara u min din iz-zrara pruvat tohloq palazz, xejn iktar u xejn inqas.

### A.5 Dwar il-Flus misjuba fuq l-imputat Jimenez

Dan l-aggravju qieghed jitqajjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

[14] Fol. 49 u 50 tal-Atti processwali

Kemm permezz tan-nota taghha kif ukoll matul il-kumpilazzjoni, il-Prosekuzzjoni allegat illi stante fuq il-persuna tal-esponenti nstabu l-ammont ta' €540 kif ukoll gialadarba gie stabbilit illi dak in-nhar tas-serqa, l-esponenti flimkien ma' shabu marru u kielu gewwa Marsalforn, mela konsegwentament, skond il-Prosekuzzjoni, l-istess flus illi nstabu fuq il-persuna tal-esponenti u l-flus illi hallas bihom ghall-ikla kienu flus misruqa minn gewwa r-residenza ta' Bigeni.

B'kull dovut rispett imma anke f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni qieghda tassumi u xejn aktar.

Tant kemm il-Prosekuzzjoni ppruvat tibni kaz meta kaz ma hemmx li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li pprezentat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, il-Proskeuzzjoni rriteniet illi "irrid jinghad li l-flus migbura minn pulizija minghand l-erba' suspettati jaqblu mal-ammont misruq minghand l-familja ta' Bigeni".

Jekk il-Prosekuzzjoni qieghda tallega illi l-flus misjuba fuq l-erba' suspettati kienu dawk misruqa, mela x'inhi r-raguni li l-Prosekuzzjoni ressqet biss zewg suspettati u ma ressqitx iz-zewg suspettati l-ohra u akkuzathom jew b'serq jew ghad-dirittura bir-reat ta' ricetazzjoni?

Il-verita hija wahda u hija semplici – il-Prosekuzzjoni ppruvat tghaqqad 'jigsaw puzzle' li ma tinghaqadx.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat timplika wkoll illi l-esponenti flimkien ma' shabu dak in-nhar tas-serqa marru jaghmlu ikla grandjuza gewwa restorant u hallsu bil-flus misruqa. Pero' anke fuq dan il-punt il-Prosekuzzjoni zgarrat.

Fil-fatt fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Novembru, 2018 xehed John Azzopardi bhala l-propjetarju tar-restorant fejn saret tali ikla. Azzopardi xehed illi ghal din l-ikla l-imputat kien ma' hamsa (5) ohra u l-kont zgur ma kienx anqas minn mija u hamsin ewro.[15] Fl-istess seduta xehed ukoll Joseph Attard, li kien prezenti ghall-imsemmija ikla. Ix-xhud jikkonferma li ghal din l-ikla kienu sitt min-nies u "kulhadd hallas tieghu"[16]

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellna nemnu illi l-kont kien gie madwar tlett mitt ewro, kif qieghda tallega l-Prosekuzzjoni u kif effettivament xehed l-ufficjal Prosekutur[17], li wiehed ihallas €50 ghal ikla mhux xi haga straordinarja u mhemmx ghalfejn taghmel serqa biex thallas il-kont anzi hija pjuttost normali u dan b'kuntrast ma' dak implikat mill-Prosekuzzjoni.

### A.6 Dwar il-Filmati u l-istills

Dan l-aggravju qieghed jitqajjem minghajr pegudizzju ghall-aggravju precedenti

Permezz tas-sentenza appellata, gie implikat illi stante li l-vettura illi dakinhar kienet misjuqa minn Jimenez tidher fil-filmati ta' CCTV illi hemm fl-akkwati tar-residenza ta' Bigeni, mela allura Jimenez huwa l-malvivent.

Ghal darba ohra din hija ipotezi infondata.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni donnha trid iddawwar is-sewwa maghruf u gghelna nemmnu illi l-vettura illi kienet qieghda ssegwi l-vettura ta' Bigeni hija dik misjuqa mill-esponenti, il-fatti u x-xhieda ta' Bigeni stess juru mod iehor. Fil-kaz odjern kemm Carmel Bigeni kif ukoll Mary Jane Bigeni kienu cari kristall fi kliemhom meta ddeponew quddiem l-espert mahtur fl-'in genere'. **Fil-fatt iz-zewg vittmi xehdu illi l-vettura illi kienet qieghda ssegwihom u segwithom it-triq kollha kella numru ta'**

[15] A fol. 248 tal-Atti Processwali
[16] A fol. 251 tal-Atti Processwali
[17] A fol. 41 tal-Atti Processwali

**<u>registrazzjoni XII 001 u mhux XII 707 u cioe l-vettura illi kien qieghed isuq Jimenez.</u>**

Il-fatt illi l-vettura ta' Jimenez tidher fic-CCTV turi biss illi ghaddiet minn tali triq – xejn inqas u xejn aktar. Tali fatt ma jista' qatt, bl-ebda mod u manjiera, jigi interpretat illi Jimenez huwa l-halliel. Bl-istess ragunament tal-Prosekuzzjoni, il-pulizija kien imisshom jinvestigaw kull vettura lussuza ta' kulur abjad u twila (ghax dik hija d-deskrizzjoni illi taw Bigeni) illi tidher fic-CCTV f'dak il-lejl. Pero dan l-ezercizzju ma sarx u konsegwentament wiehed ma jistax jeskludi l-kumplament tal-vetturi u tiffoka biss fuq dik tal-esponenti – specjalment meta l-vittmi qed isostnu illi n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li segwithom huwa differenti minn dak tal-vettura misjuqa mill-imputat odjern.

Fir-rigward tal-istills prezentati, ghalkemm jirrizulta car illi l-vettura illi tidher fl-istills a fol. 393, 394, 395(ritratt ta' isfel),396 (ritratt ta' fuq) u 397 hija l-vettura misjuqa mill-esponenti madanakollu l-istills mahruga u ezebiti a fol. 398 u 399 bl-ebda mod ma jista' jigi zgurat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-vettura illi tidher hija dik misjuqa mill-esponenti.

Gialadarba din ma tirrizultax, daqstant iehor wiehed ma jistax jassumi.

In oltre ghandu jigi amplifikat illi ghalkemm l-espert mahtur, permezz tar-relazzjoni tieghu, jindika minn fejn allegatament gew elevati l-imsemmija filmati u sussegwentament inhargu l-istills, il-Prosekuzzjoni baqghet ma ressqet qatt is-sidien tal-propjetajjiet minn fejn allegatament gew elevati l-imsemmija filmati.

U konsegwentament fid-dawl ta' dan in-nuqqas, fejn tinsab il-prova tal-awtenticita? Fejn qieghda l-prova tal-kontinwita' tal-evidenza? Kif qatt jista' jigi stabbilit ic-*chain of custody* ta' dawn l-allegati filmati, jekk effettivament is-sidien tal-propjetajiet minn fejn gew allegatament elevati dawn il-filmati baqghu qatt ma xehdu u kkonfermaw dan il-fatt bil-gurament taghhom?

Dawn huma kollha mankanzi u difetti proceduralі li effettivament

jikkontaminaw ic-*chain of custody* ta' tali prova. Certament ikun perikoluz illi l-Qrati taghna jistriehu fuq "prova" ta' dan it-tip minghajr is-salvagwardji relatati ma' *chain of custody* u ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiskarta tali ezebit u ma tattribwilu l-ebda piz probatorju.

In sostenn, tas-su espost, l-esponenti jibda' billi jagħmel referenza għall-awturi *Brezinksi* u *Killalea* fejn fil-linji gwida '*Guidelines for Evidence Collection and Archiving*'[18] jiktbu:

> *"3.1 Transparency - The methods used to collect evidence should be transparent and reproducible….*
>
> *4.1 Chain of Custody - You should be able to clearly describe how the evidence was found, how it was handled and everything that happened to it. The following need to be documented:*
>
> *- Where, when, and by whom was the evidence discovered and collected.*
>
> *- Where, when and by whom was the evidence handled or examined.*
>
> *- Who had custody of the evidence, during what period. How was it stored."*

L-esponenti ma jistax ma jaghmilx ukoll accenn ghal dak ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fuq eccezzjonijiet preliminari fl-ismijiet: '**Ir-Repubblika ta' Malta v. David *sive* David-Norbert Schembri**', moghtija nhar il-31 ta' Mejju, 2007[19]:

> *"Illi għalkemm mit-test ċitat mil-akkużat meħud mill-ktieb Cross+ Taper On Evidence ma jirriżultax li tali recording hu minnu nnifsu illegali jew inamissibbli, pero' jista' jitqies li jkun inammissibbli fejn ikun ġie*

[18] <https://www.rfc-editor.org/rfc/rfc3227.txt>
[19] per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono.

*ottjenut illegalment (R. v. Senat , R. v. Sin (1968)52 Cr App Rep 282) jew bi ksur ta' public policy. (R. v. Migliorini (1981) 38 ALR 356); Dan ma jirriżultax f' dan il-każ.*

*Pero' hemm awtorita' li tgħid li f'ġuri,* ***il-parti li tkun trid tipproduċi recording jew film trid tissodisfa lill-Imħallef togat li hemm prima facie case li dak ir-recording ikun awtentiku u li jkun jista' jiftiehem bizzejjed biex jitpoġġa quddiem il-ġurati. Il-provi ikunu jridu juru w jiddeskrivu l- provenjenza w l-istorja tar-recording sal-mument li jkun gie esebit il-Qorti.*** *(R.v. Robinson and Harris; [1972]All ER 699, [1972]1 WLR651 u Butera v DPP (1987) 164 CLR 180. p.184)." [sottolinejar tal-esponenti].*

Dan kollu juri kif l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tikkunsidra tali filmati pero anke jekk ghad-dirittura tasal sabiex tikkunsidra l-istess filmati, certament tali filmati ma jipprovawx l-ipotezi tal-Prosekuzzjoni.

**A.7 Dwar il-Localisation Data**

Dan l-aggravju qieghed jitqajjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Fis-seduta li nzammet nhar l-4 ta' Settembru,2018, l-ewwel Onorabbli Qorti hatret lill-espert Jonathan Mizzi sabiex jikseb localisation data minghand is-service providers lokali u jikseb dik l-informazzjoni kollha necessarja rigward il-mobile phones ezebiti mill-Prosekuzzjoni.

Sussegwentament l-espert mahtur pprezenta r-relazzjoni tieghu nhar il-11 ta' Ottubru, 2018, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok JM1.

Mill-istess relazzjoni jemergi illi fil-waqt li s-service providers Melita LTD u Vodafone ma kellhom l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward,[20] "is-socjeta' GO plc irrispondiet li kellha informazzjoni fuq zewg mobile phones"[21] Liema informazzjoni tinsab kumpilata fl-istess rapport tal-espert.

Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 653(3) tal-Kodici Kriminali:

*(3) Jekk matul ix-xogħol tagħhom, il-periti jkunu ħadu informazzjonijiet mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport, u għandhom jiġu mismugħin fil-qorti bħal kull xhud ieħor:*

*Iżda d-dispożizzjoni ta' hawn fuq ta' dan is-subartikolu magħandhiex tapplika dwar kull persuna li l-periti jkunu semgħu bil-ġurament skont l-artikolu 650(5), iżda, bla ħsara tas-smigħ mill-ġdid ta' dik il-persuna mill-qorti kif provdut fl-imsemmi subartikolu.*

*(4) Fil-każijiet ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, dawn il-persuni jistgħu jiġu mismugħin b'ġurament mill-qorti, ukoll matul ix-xogħol tal-periti.*

Minkejja din id-dispozizzjoni legali u minkejja l-fatt illi mir-relazzjoni tal-espert Jonathan Mizzi jemergi car kristallin illi l-informazzjoni msemmija giet migbura minghand terzi persuni, ossia mir-rapprezantant tas-socjeta' kummercjali GO plc, ir-rapprezentant tas-socjeta' GO plc baqa' qatt ma gie prodott mill-Prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti sabiex jikkonferma tali informazzjoni fuq il-pedana tax-xhieda.

[20] A fol. 140 tal-Atti Processwali
[21] A fol. 141 tal-Atti Processwali

Lanqas ma jista' jinghad illi r-rapprezentant tas-Socjeta' GO plc ikkonferma bil-gurament tieghu tali informazzjoni b'xi mod jew mezz iehor li tippermettilu l-Ligi u dan b'kuntrast assolut mar-rapprezentanti ta' service providers Melita Ltd u Vodafone li kkonfemaw bil-gurament il-kontenut tad-dikjarazzjoni rispettiva taghhom.

Dan qieghed jinghad ghalhiex fil-waqt li jemergi li Amelie Abela ghan-nom ta' Melita limited ikkonfermat bil-gurament id-dikjarazzjoni taghha nhar l-1 ta' Ottubru,2018[22] u Marisa Gauci ghan-nom ta' Vodafone Malta Limited ikkonfermat id-dikjarazzjoni taghha nhar it-2 ta' Ottubru, 2018[23], ir-rapprezentant legali tal-GO plc, ossia Anthony Bonnici, baqa' qatt ma kkonferma d-dikjarazzjoni tieghu u l-annessa informazzjoni bil-gurament.[24]

Kif intqal fil- kaz **'R. v. Governor of Pentonville Prison'**, ex parte Harmohan Singh [1981] 1 WLR 1031 a fol. 1038:

> "Documents put forward as an affirmation must contain, or show on its face, a solemn declaration by the witness before a judicial authority that its contents are true."

Hija proprju din l-affermazzjoni pozittiva da parti ta' min ikun qed jirrelata l-fatti, u cioe` li dak li qed ighid huwa l-verita`, li tiddistingwi semplici "stqarrija" minn "prova".

Illi l-artikolu 631 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> *631. (1) Ix-xhud li jistqarr ir-Reliġjon Kattolika Rumana għandu jaħlef kif hi d-drawwa ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u x-xhud li ma jistqarrx din ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu tal-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu.*

[22] A fol. 158 tal-Atti Processwali
[23] A fol. 160 tal-Atti Processwali
[24] Fol. 147 tal-Atti Processwali

Illi fl-umli fehma tal-esponenti stante li ma jirrizulta minn imkien illi r-rapprezentant tas-socjeta' GO plc ikkonferma l-informazzjoni mghoddija minnu bil-gurament, kwalunkwe informazzjoni illi l-espert Mizzi jirrelata illi gabar minghand is-socjeta' GO plc ma tistax titqies bhala prova ammissibbli fil-konfront tieghu fil-process penali odjern.

Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[25] fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spt. Pierre Grech u Spt. Dennis Theuma) vs Victor Joseph Vella'</u>** deciza nhar it-30 ta' Ottubru, 2018 fejn dwar dan il-punt gie ritenut illi:

> *Kwindi fil-waqt li l-Qorti mihjiex obbligata li tisma kull xhud mill-ġdid speċjalment jekk ikunu xhieda li sempliċiment jikkonfermaw l-awtentiċita' ta' dokumenti jew il-verita' ta' l-istess, sabiex jiġi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir viva voce ad validatem quddiem il-ġudikant li finalment ser jiġġudika l-fatti, salv l-eċċezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-eżerċizzju huwa essenzjali sabiex il-ġudikant ikun jista jasal għall-ġudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jeżamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliċiment jaqra traskrizzjoni taddeposizzjoni ta' dak li jkun li mhux neċessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser tagħti ħjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjoniet tiegħu. Effettivament dan huwa obbligu tal-ġudikant li jkun, fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali li jittrattaw l-kreddibilta' tax-xhud li jkun li semmai għandha tiġi determinata minn min għandu jiġġudika l-fatti u dan 'billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru taxxhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra taxxiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ'*

[25] Per Onor. Imhallef A. Mizzi, Appell Numru 79/2016

Ghaldaqstant tenut kont tas-su espost, stante li tali dikjarazzjoni baqghet qatt ma giet guramentata, kif ukoll ix-xhud Anthony Bonnici ma ngiebx biex jixhed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, sabiex l-interessi tal-esponenti jibqghu intatti, kien mehtieg li tali localisation data allegatament migbura minghand is-socjeta' GO plc tigi skartata u ma jkollha l-ebda piz probatorju u kosnegwentament kuntrarju ghal dak illi ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

### A.8 Konkluzjoni

Meta wiehed jaghsar il-provi prodotti, kulma jidfal huma biss suppozijonijiet, kongetturi u assunzjonijiet. Jekk jezistu xi "indizzji", certament tali "indizzji" mhumiex tali illi l-ewwel Onorabbli Qorti setghet issejjes is-sejbien tal-htija stante li l-istess indizzji certament mhumiex univoci.

Konsegwentament fid-dawl tal-fatt illi baqghet ma gietx pruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli r-rabta u l-konnessjoni bejn l-appellant odjern u s-serqa mertu ta' dawn il-proceduri, l-esponenti jemmen illi huwa ma setghax jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

## B. <u>Dwar il-Piena</u>

Dan l-aggravju qieghed jitressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti u ghandu jigi kkunsidrat biss fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma htija taht xi wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-esponenti

### B.1 Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9

Fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma kemm is-sjebien ta' htija kemm ta' serq aggravat kif ukoll ta' hsara volontarja, l-esponenti jemmen illi ai fini ta' piena l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali artikolu jistipula li:

*Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, ighoddu d-disposizzjonijiet li gejjin:*

*(h) meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.*

Fid-dawl tas-suespost, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg'**[26] fejn il-Qorti sostniet:

*"Pero' din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ma jidhirx li ttiehed rigward tal-fatt li r-reat taht it-tieni imputazzjoni, cioe' dak ta' danni volontarji kagjonati mil-isgassi esterni w interni li saru, kienu servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq aggravat. Di fatti ma saret ebda referenza ghall-artikolu 17 (h) u ghalhekk din il-Qorti tifhem li fis-sentenza appellata nghatat piena kumulattiva w komplessiva ghaz-zewg reati f' daqqa. Invece, l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Krminali jiddisponi li meta zewg reati jew izjed iservu bhal mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi.*

*Ghalhekk minnhabba dan in-nuqqas jidher li hemm lok ghal certu temperament fil-piena. "*

Ghaldaqstant l-esponenti, fl-eventwalita' li b'xi mod jew iehor dina l-Onorabbli Qorti ssibu hati kemm tar-reat ta' serq kif ukoll ta' hsara volontarja, ghandha tirriforma piena ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

[26] Deciza nhar is-17 ta' Settembru,2008 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

### B.2 Dwar ir-Riforma tal-Esponenti

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament. Fil-fatt l-appellant isostni illi l-piena karcerarja nflitta fuqu, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat, kienet wisq harxa.

Kenny fil-ktieb tieghu 'Outlines of Criminal Law' jghallem li:

> "As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…
>
> As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"

L-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et."[27]:

> "Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of

[27] Deciza nhar id-9 ta' Ottubru, 2008 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Jistaqsi l-esponenti, jekk din l-Onorabbli Qorti f'kazijiet fejn l-akkuzat ma jkunx ta' eta' zghira u jkun recidiv, tasal biex toffri lill-akkuzat opportunita' li jbiddel hajtu minghajr ma tghabbih b'pieni esagerati li kapaci jwasslu ghal reati ohrajn, ghalfejn fil-kaz tieghu le?

Dan kollu huwa relevanti ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu *a window of opportunity* fejn il-piena tkun mibdula ghal wahda aktar miti f'cirkostanzi li juru li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u ddemostra sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu.[28] Meta jkun hemm disponibiltà u rieda tajba l-Qorti dejjem izzomm miftuhin it-twieqi ghall-bidla u ghall-progress li dik il-persuna tkun tixtieq timmanifesta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-appellant jirregistra ammissjoni dwar l-akkuzi li taghhom instab hati mill-ewwel Qorti u dan fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2024.

Rat li l-partijiet irrimettew ruhhom ghal piena li din il-Qorti ghandha terroga fid-dawl ta' dak mistqarr mill-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

**Ikkunsidrat**.

Illi nhar l-4 ta' Frar ,2022 kien deher l-appellant assistit minn Dr Rene Darmanin li informa lil Qorti li l-appellant kien qed jahdem b'mod regolari bhala self-employed fil-*construction u finishings* tant li anke kien registrat mal-Ufficcju tal-VAT[29] u esebixxa kopja tac-certfikat tar-registrazzjoni tieghu. Dakinhar stess il-Qorti giet infurmata li l-appellant kien ser jerga jaghmel kuntatt mal-OASI.

[28] Vide **Il-Pulizija vs Nathalie Felice** deciza nhar l-4 ta' Dicembru, 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef M. Mallia

[29] Dok JJ fol. 593 tal-atti

Rat id-dokument markat bhala Dok AG esebit fl-atti a fol 606 minn **Audrey Gran**t fix-xhieda taghha tad-29 ta' April 2022 mahrug mill-Agenzija Caritas fejn hemm indikat li l-appellant ghamel kuntatt mal-Caritas nhar is-7 ta' Frar, 2022 u li kien attenda ghal sessjonijiet individwali li kellu hlief ghal wahda minhabba raguni ta' xoghol. Gie indikat mit -Therapeutic Officer Michael Spiteri li l-appellant kien qed isib dawn is-sessjonijiet utli hafna u li kien qed juri hafna interess. Stqarr li ghandu xoghol impenjattiv hafna u ghalhekk ma setax jsegwi program ta' rijabilitazzjoni residenzjali fit-tul.

Rat ix-xhieda moghtija mill-Ufficcjal tal-Probabtion Joseph Mizzi fejn kkonferma li kien qed isegwi l-appellant fuq diversi ordnijiet provizorju ta' Supervizjoni li hargu minn diversi Qrati peress li ghandu diversi kawzi pendenti. Qal li dejjem zamm kuntatt regolari mieghu. Fil-fatt stqar li kien qed izomm kuntatt ma' omm l-appellanti ukoll peress li l-appellant jghix maghha. Qal li s-sessjonijiet li jzomm mieghu jkunu random, jiftiehem mieghu jumejn qabel biex ma jkunx preparat. Ikkonferma li ha diversi kampjuni tal-awrina tal-appellant u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghal prezenza tad-droga salv ghal okkazjoni wahda meta kienet pozittiva ghad-droga Kokaina. Ikkonferma ukoll li kienu ghamlu kuntatt mal-Caritas u jmur ghas-sessions darba fil-gimgha.

Rat id-digriet taghha datat 10 ta' Mejju, 2022 fejn wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata, u lill-ufficcjal prosekutur laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex jidher quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jaghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Awwissu 2024 fejn hemm indikat lil-appellant segwa l-*care plan* kif mixtieq mill-Bord tant li r-rapporti fir-rigward tieghu huma pozittivi. Ghalhekk il-Bord hu sodisfatt bil-process tal-appellant u ghaldaqstant ghalaq il-kaz tighu b'success.

Illi permezz ta' dak verbalizzat mid-difiza nhar l-20 ta' Dicembru 2024, l-appellant iddikjara li kien qed jirregistra ammissjoni dwar ir-reati li taghhom instab hati mill-

ewwel Qorti u ghalhekk huwa rrinunzja ghall-aggravji li huwa kien ressaq fir-rikors tal-appell tieghu. Wahda mit-talbiet tal-appellant li kien ressaq permezz tar-rikors tal-appell tieghu kienet sabiex din il-Qorti tirriforma l-piena ghal wahda iktar ekwa u idoneja.

Fid-dawl tar-rakkomondazzjonijiettal-Bord, kif ukoll tal-provi migjuba dan l-aggravju tal-appellant ghar-rigward tal-piena inflitta jistħoqqlu li jintlaqa'.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika dak dispost fl-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan ghalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-appellanti gie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi in vista tal-emendi legislattivi ricenti, kif ukoll l-eta' pjuttost zghira li kellu l-appellant meta gie mixli bir-reati mertu ta' dawn il-proceduri (nhar is-26 ta' Awwissu 2018) u l-fatt li llum ghaddew l'fuq minn sitt snin mill-akkadut, ordni ta' probation ghandha tigi mposta fuq l-appellant f'dan ir-rigward u dan sabiex isservi ta' gwida ghalih halli jibqa' miexi fit-triq it-tajba.

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati ta' numru ta' reati u gie misjub hati tal-akkuzi l-ohra fil-konfront tieghu, izda tvarja l-piena nflitta, tghaddi sabiex timponi Ordni ta' Probation ghal terminu ta' tlett snin ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li jekk Jimenez  jonqos  li jhares din l-istess Ordni, jew jaghmel xi reat iehor matul dan il-perjodu, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih nstab hati minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti qedgha tqieghed lill-appellant Juanito Jimenez taht sorveljenza t' Ufficjal ta' Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole,

liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Juanito Jimenez bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tingħata sentenza għar-reat li tieghu nstab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' Probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas- Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Juanito Jimenez. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur. Il-Qorti tati ir-rakomandazzjoni taghha sabiex possibilment jkun l-istess ufficcjal tal-Probation Joseph Mizzi li jigi assenjat lill-appellant.

Il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza appellata fejn l-appellant gie kkundannat fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez peritali ammontanti ghal elf u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,080.82) u dan fi zmien sena mill-llum.

Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fen ordnat lill-appellant jhallas lura fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata lil Carmel Bigeni nofs l-ammont ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300) u ghalhekk l-ammont ta' sitt mija u hamsin euro (€650).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lil CEO tal-Agenzija tal Qrati sabiex tiehu hseib li tigbor l-isepejjez li gie kkundannat ihallas l-appellant fi zmien sena mill-llum.  Tordna ukoll lill-ufficcjal tal-Probation li ser jigi nominat jinforma lil vittma Carmel Bigeni bid-dritt tieghu li jigi rimborsat is-somma ta' sitt mija u hamsin euro (€650) minghand l-appellant.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D

**<u>Illum: 13 ta' Frar 2025</u>**

**Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Juanito Jimenez**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Juanito Jimenez** detenur tal-karta tal-identita Maltija **242693M** misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li tħares din l-Ordni jew tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tlett snin mil-lum, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Għalhekk tordna li l-ħati Juanito Jimenez li joqgħod 12, Sqaq id-Dulur, Numru 1 Hamrun, jkun għal perjodu ta' tlett snin mil-lum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħatji għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-uffiċjal tal-probation maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-probation b'kull bdil li jalvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li tagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikolarment li hu għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jghinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra.

6. Li l-hati probabtioner ihalals l-ispejjez inkorsi f'dawn il-proceduri li gie kkundannat ihalals fi zmein sena mill illum.

7. Li l-hati probabtioner ihallas is-somma ta €630 lil Carmel Bigeni bhala kumpens tad danni minnuj sofferti

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

……………………………………
Ħati: Juanito Jimenez

Registratur : Maria Grech

Imhallef: Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.